**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Marzu 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 230/2014 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'digriet tas-17 ta' Novembru 2014 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti X Y bil-passaport Eġizzjan 408958**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv: 426/2001)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieġ fit-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u wieħed (2001) meta r-rikorrenti kellha sbatax (17) –il sena u l-intimat wieħed u tletin (31) sena fir-reġistru l-Belt Valletta, u dana skond kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A";*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw de facto wara tlett (3) xhur mid-data taż-żwieġ ossia fl-2001;*

4. *Illi r-rikorrent u l-intimata kienu daħlu għal dan iż-żwieġ mingħajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn u kien iotivat mill-fatt li l-intimat li huwa ta' nazzjonalita' Eġizzjana ried jibqa' Malta;*

5. *Illi r-rikorrent kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jgħixu ħajja miżżewġa ma' xulxin;*

6. *Illi l-kunsens tal-partijiet ingħata bl-esklużżjoni posittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elelmenti essenzjali jew oħrajn tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġu dana inter alia ai termini tal-artikoli 19(1)(f) Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-każ ta' l-intimat iżżewweġ lir-rikorrenti mhux għax kien iħobbha imma għax kien imdejjaq f'pajjiżu u dan kif ser jiġi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

7. *Illi wara ftit xhura taż-żwieġ ir-rikorrenti ntebħet illi ma kienetx tħobb lil żewġha f'sens ta' żwieġ;*

8. *Illi inoltre fil-mument taż-żwieġ il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet essenzjali tiegħu, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(d) Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi għalhekk iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u wieħed (20010 fir-reġistru taż-żwieġ il-Belt Valletta huwa null u bla effett fil-liġi;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għadhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportune:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ I sar bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u wieħed (2001) fir-reġistru taż-żwieġ il-Belt Valletta huwa null u bla effett u tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li hija nġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tas-17 ta' Novembru 2014 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Alessandro Lia u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti,[2] u dan skont it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attriċi ipprezentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, fejn ġie eċċepit:[4]

1. *F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri, jekk ikun il-każ, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmi N Y minnhom rappresentat. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluż dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmi N Y sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw miegħu.*

2. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati li qed jirrappreżentaw lill-assenti;

[2] Fol. 11.
[3] Fol. 14.
[4] Fol. 27.

Rat l-Att taż-Żwieġ tal-partijiet, bin-numru progressiv 426 tas-sena 2001;[5]

Rat il-verbali kollha, inkluż ix-xhieda tal-attriċi[6] u kif ukoll ta' oħtha M B,[7] liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;

Rat id-dokumenti kollha u kif ukoll kull att ġudizzjarju ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tal-14 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti pprovdiet il-fakolta' liż-żewġ partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet,[8] liema fakolta' ma ġietx sfruttata;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut li ġie ċċelebrat bir-rit ċivili nhar it-3 ta' Mejju 2001, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d), u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

**i. L-Azzjoni Odjerna:**

*Il-Verżjoni tal-Attriċi:*

Fix-xiehda tagħha, l-attriċi tispjega illi kienet iltaqgħet ma' żewġha l-Belt Valletta meta kellha sbatax-il (17) sena u mal-ewwel bdew relazzjoni flimkien. Wara xahrejn għerusija, l-attriċi tgħid li l-intimat assenti kien saqsiha biex jiżżewġu u hi aċċettat għax skontha *"kont għadni żgħira, moħħ ir-riħ"*.[10] Magħdud ma' dan, l-attriċi tispjega ukoll li hi ma kellhiex familja u *"bilfors ridt*

[5] Fol. 5.
[6] Fol. 68.
[7] Fol. 79.
[8] Fol. 85.
[9] *Ibid.*
[10] Fol. 69.

*nitlaq mid-dar”,*[11] iżda kienet oħtha li ffirmatilha sabiex tiżżewweġ peress li kienet għadha ma laħqitx l-eta’ maġġorenni. L-attriċi tgħid illi hi qatt ma tkellmet jew ltaqgħet mal-familja ta’ żewġha.

Wara ż-żwieġ l-attriċi tisħaq li l-intimat assenti beda ġej bi iskużi varji, u ma bdewx jaqblu ma’ xulxin speċjalment fuq ir-reliġjon, liema kwistjonijiet bdew jaffettwaw il-ħajja miżżewġa tagħhom. Tallega illi żewġha beda jgħidilha x’għandha tilbes, fejn tmur u saħansitra jaqfilha ġewwa. Konsegwentament l-attriċi tgħid li żewġha sparixxa wara xi xahar miżżewġin.

L-attriċi tgħid illi *“hu bilfors ried jiżżewweġ, illum sirt naf biex ikun jista’ jgħix Malta hu għalhekk ried jiżżewweġ”.*[12] Fl-istess waqt rendikont illi minn ta’ eta’ żgħira kienet tgħix f’istitut minħabba sitwazzjoni familjari xejn faċli, iżda meta marret lura d-dar ħadd ma kien hemm jieħu ħsiebha għaliex ommha kienet għadha marida. Għalhekk l-attriċi tgħid illi meta l-intimat saqsiha biex tiżżewġu hija dlonk aċċettat bl-intiża li titlaq mid-dar għax kienet imdejqa fl-ambjent li kienet qed tgħix fih, fejn ommha kellha problemi ta’ saħħa mentali, id-dar kienet żgħira wisq għas-seba’ (7) min-nies li kienu joqgħodu fiha, filwaqt li kienet tħoss nuqqas ta’ attenzjoni fuqha għax ħadd ma kien jagħti kasha.[13]

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet ix-xhieda ta’ oħtha M B.[14] Minn din ix-xhieda ġie kkonfermat illi l-attriċi ddaħħlet ġewwa istitut meta kienet għadha tarbija u ħarġet minn hemm meta kellha madwar tlettax-il (13) sena, bil-konsegwenza li meta marret id-dar għand familtha l-attriċi kienet skomda. Ix-xhud tispjega ukoll illi bejniethom bħala familja ma hemmx *bond*. Għaldaqstant skontha, *“l-ewwel partner li sabet telqet. (...) ezatt qabdet u zzewġet l-ewwel raġel li sabet”,*[15] u dan anke jekk hi ltaqgħat miegħu darba biss fl-għerusija u dakinhar taż-żwieġ. Tispjega li wara ż-żwieġ lanqas biss rat iktar lil oħtha, u l-kuntatt magħha reġa’ beda riċentament. Tispiċċa x-xhieda billi qalet illi *“hi naħseb għamlitha biex titlaq mid-dar ma naħsibx li kienet tafu biżżejjed”,*[16] u meta kienet mistoqsija jekk l-attriċi qattx ikkonfermat li żżewġet proprju biex

[11] *Ibid.*
[12] Fol. 71.
[13] Fol. 72.
[14] Fol. 79.
[15] Fol. 80.
[16] Fol. 81.

titlaq mid-dar, ix-xhud saħqet illi *"ma kinitx komda magħna. (...) Għamlitha għax vera kienet skomda"*.[17]

*Il-Verżjoni tal-Konvenut:*

Mill-atti jirriżulta li wara r-rikors tal-attriċi datat 15 ta' Ottubru 2014,[18] il-Qorti permezz ta' digriet datat 17 ta' Novembru 2014 innominat lill-Avukat Dr Alessandro Lia u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut peress li ġie ddikjarat mill-attriċi li huwa assenti minn Malta.[19] Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li l-verżjoni u s-sottomissjonijiet tal-konvenut ma ġewx sottomessi lill-Qorti.

## ii. Il-Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe' l-Artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

***Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:***

***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ"***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-

[17] *Ibid.*
[18] Fol. 14.
[19] Fol. 12.

obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[20]

Kif jispjega l-awtur Bersini *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio.*"[21]

L-awtur Pompedda jispjega illi "*se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto*

[20] **Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP).
[21] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).

*che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della parole".*[22]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso .... La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva.... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)".*[23]

Illi l-awtur Viladrich jispjega li: *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".*[24]

***<u>Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun***

[22] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fiddeċiżjoni **Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).
[23] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Angela B Selvaggi vs. Joseph B** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994.
[24] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Lydia Musu` vs. Dr. Ian B Bailey et. noe**. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM).

***inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ"***

Sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ppruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel jew għamlu simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu, tagħha jew tagħhom. Dan ifisser illi meta *si tratta* l-esklużjoni taż-żwieġ, jew wieħed jew aktar mill-elementi tiegħu, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ, minkejja li parti tkun kapaċi tagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u ċjoe' saret simulazzjoni parzjali.[25]

Dan l-insenjament ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Tonna vs M Tonna**,[26] *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Għaldaqstant, sabiex azzjoni tkun tista' tirnexxi taħt l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed irid iġib prova li z-zwieġ falla minħabba l-fatt li wieħed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tiegħu huwa kien diġa' mentalment dispost li ma jaqdix wieħed jew kull obbligu matrimonjali. Dan huwa estremament importanti għaliex f'tali ċirkostanza biss jista' jiġi konkluż illi hemm bażi legali għall-estremi tal-annullament. Min-naħa l-oħra, f'każ li l-provi prodotti jindikaw li ż-żwieġ falla minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iz-zwieġ, hawnhekk il-kwistjoni ma tagħtix lok għal annullament iżda għal separazzjoni personali bejn il-partijiet.[27]

<u>*Simulazzjoni Totali (colorem habens, substantiam vero nullam):*</u>

---

[25] **Sharon Lanzon vs. Francis Attard**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Marzu 2000.
[26] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996.
[27] **Ali Chahid vs. Mary B,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP).

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa l-ewwel parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif magħruf ukoll bħala simulazzjoni totali. Sabiex ikun hemm simulazzjoni totali, il-Qorti tgħallem illi jrid ppruvat illi l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.[28] Magħdud ma' dan, il-Qorti tirriafferma illi simulazzjoni totali tissussisti ukoll meta wieħed mill-partijiet imur għaċ-ċerimonja taż-żwieġ u internament jissostitwixxi l-ideat tiegħu fuq dak li jikkostitwixxi żwieġ jew jeskludi l-veru kunċett taż-żwieġ.[29]

Għaldaqstant, fi kliem qasir, simulazzjoni totali tfisser *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*,[30] u ċjoe' il-kunsens matrimonjali estern ta' parti ma jkunx ugwali għal dak intern. B'hekk dik il-parti li tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ, min-naħa l-oħra u esternament tkun qiegħda tagħti l-kunsens tagħha hekk ssimulat minnha stess.

*<u>Simulazzjoni Parzjali (colorem habens, substantiam vero alteram):</u>*

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa t-tieni parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa"*. F'dan ir-rigward, simulazzjoni parzjali tfisser li l-parti kkonċernata ma tkunx qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ b'mod intier, iżda tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens tagħha għaz-zwieġ billi b'mod volontarju teskludi biss wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali għal ħajja matrimonjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et**, il-Qorti saħqet illi: *""meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed*

[28] **Bonnici vs Bonnici,** deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Lulju 1982, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

[29] **Cali vs. Dr. Albert S. Grech**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

[30] **Anna Galea vs John Walsh**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD).

*minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula I-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Il-Qorti tinnota li l-Att dwar iż-Żwieġ (Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti wieħed jista' jiddetermina liema huma dawn l-obbligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Abdel Wahed vs. Dr. Yana C Stafrace et. Noe,**[31] ġie ritenut li l-elementi essenzjali taż-żwieġ jikkonsistu fil-*" kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* Dan l-insenjament ġie kkonfermat f'numru ta' każijiet.[32]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Demicoli vs Anne Demicoli**,[33] il-Qorti għallmet: *"Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh".* B'hekk il-Qorti dejjem fehmet li l-unjoni intima fl-aspetti kollha, inkluż dik intima, ta' bejn il-konjuġi hija estremament importanti fil-ħajja matrimonjali. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Calleja Noel vs Saliba Rita**,[34] fejn saħqet: *"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg".*

Għaldaqsant, "*jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar*

[31] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD) nhar l-14 ta' Lulju 1994.

[32] Ara **Aquilina vs Aquilina**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 1991, **Grech vs Grech**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru 1990, **Atkins Charles vs Atkins Matild**e, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

[33] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-7 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1512/2000/1).

[34] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-30 ta' Ġunju 2005 (Ċitazz: 19/2004RCP).

*mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' lulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra".*[35]

Rigward iż-żwiġijiet ta' konvenjenza, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżi fl-ismijiet **Josephine Grech vs. Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[36] u **Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs. Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[37] fejn ġie ritenut li: *"Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jaħdem u eventwalment jikseb iċ-ċittadinanza, hu jkun qiegħed posittivament jeskludi ż-żwieġ innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-każijiet, wieħed m'għandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni espliċita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tiġi manifestata wkoll impliċitament".*

Issir referenza wkoll għall-kawżi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Rahim vs. Esam Abder Rahim**[38] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs. Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[39] fejn ġie ritenut li: *"Fiż-żwieġ ta' konvenjenza illi l-iskop tiegħu uniku tiegħu huwa biss biex il-konvenut jakkwista iċ-ċittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqgħod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iż-żwieġ innifsu".*

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed**[40] il-Qorti ċċitat lill-ġurista Francesco Bersini[41] li jispjega: *"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come*

---

[35] Atkins **Charles vs Atkins Matilde**, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).
[36] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Ottubru 1995 – kif rapportata f'**Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000 (Ċitaz:171/95VGD).
[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Ottubru 1995 – kif rapportata f'**Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000 (Ċitaz:171/95VGD).
[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 31 ta' Mejju 2000.
[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 20 ta' Ġunju 2002.
[40] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000 (Ċitaz: 171/95VGD).
[41] Il Diritto Canonico Matrimoniale - Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114.

*oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…".*

### iii. Applikazzjoni Tal-Prinċipji Legali Għall-Każ Odjern:

Stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Jiġi sottolinejat illi: *"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju".*[42]

In vista tal-premess, il-Qorti tinsab mgħobbija bl-obbligu li tevalwa bir-reqqa l-provi mresqa quddiemha, liema provi għandhom ikunu konkreti, konvinċenti u ma jħallu l-ebda dubju f'min qiegħed jiġġudika li l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriċċożament. Fil-każ odjern, il-Qorti tibda sabiex tevalwa li l-provi f'din il-kawża huma verament skarsi. Oltre x-xhieda tagħha stess, l-attriċi resqet biss ix-xhieda ta' oħtha M B. Min-naħa l-oħra, il-konvenut assenti rappreżentat minn kuraturi deputati ma ppreżenta l-ebda provi sabiex jikkontradixxi l-verżjoni tal-attriċi.

Wara konsiderazzjoni u evalwazzjoni tax-xhieda tal-attur u missieru u fir-rigward tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f), il-Qorti tirrileva li hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward t'obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed

[42] **Anna Tonna vs Alexander Tonna**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Novembru 1991.

minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewga eppure hu komunament paċifiku, illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom (*'communio vitae'*).

Fir-rigward ta' Artikolu 19(1)(d) u ċjoe' li l-partijiet jew xi ħadd minnhom kellhom nuqqas serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-Qorti tirrileva li ma nġibux provi sodisfaċenti fir-rigward. Minkejja li l-attriċi tgħid li hija ma kinitx taf għal xiex hija kienet dieħla u li kienet moħħ r-riħ, il-Qorti hija tal-fehma li minkejja l-eta` tenera tal-attriċi, hija kienet taf x'kien jirrikjedi żwieġ. Il-Qorti tara illi minkejja li ġie allegat li t-trobbija tal-attriċi kienet waħda diffiċli u saħansitra sfat f'istitut meta kienet għadha tarbija, prova ta' dan ma tresqitx. Madanakollu l-Qorti tinsab moralment konvinta li kien hemm dinamika pjuttost ħażina fil-familja tal-attriċi, liema sitwazzjoni ma kienetx togħġob lill-attriċi tant li għażlet li b'xi mod titlaq mid-dar għaliex rat li familja ma setgħatx tiffunzjona b'tali mod. Fid-dawl ta' nuqqas ta' provi konkreti u sodisfaċenti f'dan il-rigward, il-Qorti hija tal-fehma illi l-azzjoni tan-nullita` taż-żwieġ, abbażi tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju, ma tistax tirnexxi.

Minkejja l-premess u mill-assjem tal-provi l-Qorti tinsab konvinta li dan iż-żwieġ kif iċċelebrat bejn il-partijiet kien wieħed ta' konvenjenza għaż-żewġ partijiet. Ir-rikorrenti iżżewġet biss bl-iskop li takkwista l-liberta' mid-dar ta' ommha, filwaqt li l-konvenut x'aktarx li żżewweġ għal motivi xejn relatati mal-konvivenza matrimonjali. Fil-fatt il-partijiet kien ilhom jafu lil xulxin xahrejn biss qabel iżżewġu u l-konvivenza matrimonjali tagħhom damet xahar ieħor. Jirriżulta manifest li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li jgħixu l-ħajja konjugali flimkien u li jiffurmaw nukleu ta' familja ġdida b'dan li jgħixu taħt l-istess saqaf. Il-Qorti tara li bejn il-partijiet ma kienx hemm il-perkors ta' korteġġjament, il-laqgħa mal-famlja u l-pjanijiet għaż-żwieġ, iżda kollox sar f'ħakka ta' għajn bit-tama' li t-tnejn li huma jakkwistaw dak li riedu.

Fid-dawl tal-premess, jirriżulta li esternament l-partijiet għaddew minn ċerimonja ta' żwieġ, iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħhom, huma eskludew l-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-attriċi ppruvat sal-grad li trid il-liġi, li r-raġuni predominanti, b'mod li twarrab skopijiet

oħra, il-għala l-partijiet resqu għaż-żwieġ ma kienetx sabiex jintrabtu fiż-żwieġ bid-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet li jitnisslu minn tali żwieġ. Kif diġa' elenkat, dan iwassal għas-simulazzjoni totali taż-żwieġ u konsegwentement għan-nullita' tiegħu. Dan premess, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tas-subinċiż (1)(f) tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

**DEĊIDE:**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tilqa'** l-ewwel talba tal-attriċi b'dana illi tiddikjara li ż-żwieġ ċivili ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi abbażi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut assenti, b'dan illi l-attriċi għandha provvviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur